

STA.
VENERA
V.M.

# PROGRAMM TAL-FESTA

*MAHRUG MILL-*
*KUMITAT TAL-FESTA*
*STA. VENERA '78*

# SIMON FURNITURE

(SHOW ROOMS)

**40, 195, Constitution Street, Mosta — Tel. 43140**

(FACTORY)

**20, Cannon Road, Hamrun — Tel. 22369**

BEDROOM SUITES, DINING ROOMS,
SITTING ROOMS SETTES,
AND A LARGE SELECTION
OF MODERN AND
ANTIQUE FURNITURE

# GOLDEN HAM SNACK BAR

**St. Joseph High Road, St. Venera**

(Next to St. Venera Police Station)

| | | |
|---|---|---|
| Filgħodu | — | Snack tajjeb, ġenfin u malajr. |
| Filgħaxija | — | Spirti, minerali u nbid. Bar fornut b'kollox b'kull ma trid Hbiberija, atmosfera eċċellenti tal-ħajja, tqatta l-isbaħ mumenti. |
| Fis-Sajf | — | L-uniku post open air fil-lokal b'dell u kwiet għall-jiem tas-sajf. |
| Mornings | — | A fresh snack with reasonable prices. |
| Evenings | — | A well stocked bar with atmosphere and friendly surroundings. |


# Kelmtejn mill-Kappillan

## Prokuratur tal-Festa



Għeżież,

Bħal ħolma għaddiet sena oħra, u mill-ġdid il-festa tal-Patruna tagħna Santa Venera waslet. Għadni nisma ħafna jgħidu llum, kemm fraħna u ħadna pjaċir is-sena l-oħra, għaliex il-festa tassew irnexxiet, nittamaw illi din is-sena tirnexxi aktar. Iva sena għaddiet u l-festa wasslet, mill-ġdid issa ma baqagħl-niex ħaġa oħra ħlief li naħdmu id f'id biex kemm jista' jkun tirnexxi. Nistaqsi lil dawn x'mezzi jistgħu jingħataw biex dan jista' jseħħ ......? Ċertament bil-kliem faċċli li ngħiduh, id-diffikulta qegħda fil-fatti. Ejjew għalhekk naraw xi stajna nagħmlu biex setgħet tirnexxi iktar u nippruvaw inwettqu dak forsi li fl-imgħoddi ma wasalniex għalih. L-ewwelnett b'liema mod fl-imgħoddi s'issa ħarisna lejn il-festa? Qatt ippruvajna nħarsu lejha fid-dawl li tixtieqna nħarsu lejha l-Knisja? Fittixna xejn li fil-waqt li niċċelebraw il-festa li nidħlu fl-ispirtu tagħna, billi nipprofittaw ruħna spiritwalment? Billi qabel il-festa nieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja bħala preparazzjoni għal dan il-għan? Li fil-waqt li nitgħallmu mill-eżempji sbieħ tal-qaddisa tagħna, naraw nistgħux nimitawha?

F'dawn iż-żminijiet tara ħafna min ibajjad, min jiżboħ, min jarma d-dar, min jaqta' xi libsa ġdida, min jordna l-ħelu minħabba li fil-festa jkollu l-mistednin, u jekk tistaqsi dan għalfejn kulħadd jgħidlek, ħalli dak inhar niċċelebrawha tajjeb il-festa u kulħadd ikun jista' jieħu pjaċir. Kelma verament f'waqtha. Pero' ħuti dan mhux biżżejjed, hemm bżonn

S Guillaumier
+ Co. Ltd.

TEL: 27471-21597

CROWN PAINTS

EMULSION

GLOSS

VARNISH

POLYURETHANE

li naħsbu f'dak li hu spiritwali wkoll. Ejjew għalhekk nippreparaw ruħna spiritwalment billi nippruvaw inwieġbu għas-sejħa tal-Knisja u nersqu lejn il-Knisja għall-funzjonijiet sbieħ li hi ser tagħmel bħala preparazzjoni għall-festa. ekk fl-imgħoddi konna mbegħda mis-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin, nippruvaw nagħmlu sforz fuqna nfusna ħalli f'din is-sena nersqu żgur. Mixgħulin imbagħad kemm b'dak li nkunu smajna fuq il-qaddisa Verġni u Martri tagħna Santa Venera, l-entużjażmu tagħna mhux le jintilef, imma jikber dejjem iktar.

Fl-aħħarnett mezz ieħor li għandu jgħinna ferm biex jista' jinkiseb il-veru ferħ tal-festa fil-qalb tal-Vendriżi huwa soċjali. Ħafna mill-familji tagħna jkollhom mistednin għandhom — kulħadd jipprova juri l-ferħ tiegħu b'ħafna manjieri, għalhekk tkun ħaġa tassew sabiħa jekk dan il-ferħ nippruvaw nuruh lil dawk ħutna tal-parroċċa li huma fqar, billi dak inhar kull min ikun jista', jipprova jgħin lil xi familja fqira tal-parroċċa. Affarijiet sbieħ u ta' min ifaħħarhom għax juru li hemm għaqda. Iżda naħseb li tifhmuni jekk ngħid imissu jkun hawn għaqda aktar sħiħa mhux dak ta' nhar il-festa biss, iżda matul is-sena kollha. Għaqda fil-familji, bejn il-familji differenti, bejn persuni li jħaddnu idejat differenti, f'kelma waħda bejn kull membru tal-parroċċa — li aħna lkoll kburin bil-qaddisa protettriċi tagħna. Għalhekk nippruvaw ninsew id-differenzi ta' bejneitna u nifirħu flimkien fil-festa tal-Parroċċa tagħna.

Santa Venera tberikkom.

P. FRANĠISK GRECH, O. Carm.

**Inħabbru l-ftuħ ta' ħanut ġdid**
**fil-Hamrun / Santa Venera**
**quddiem il-Knisja ta' San Franġisk.**
**Aslu wasla llum stess.**

F A I R B U Y
Household Appliances & Gifts
BEZZINA BUILDINGS, VILLAMBROSA STREET, HAMRUN / STA. VENERA
Tel. 23164

# KORSIJIET

**GHAT-TFAJLIET U N-NISA KOLLHA**

**(minn għalliema kwalifikati u b'esperjenza)**

- **HJATA** (Dress-Making)
- **DISINJAR TA' ĦWEJJEĠ** (Dress-Designing)
- **ARRANĠAMENTI TA' FJURI** (Flower-Arranging)
- **KURA TAS-SBUĦIJA** (Beauty Care & Make-up)
- **GANĊ** (Crochet)
- **RAKKMU** (Embroidery)
- **BIZZILLA** (Lace-Making)
- **SUF** (Knitting)

*Tagħrif miċ-*

## ĊENTRU ARTI U MODA

**POST OFFICE BOX 5, HAMRUN. Tel. 23164**

**54/2, Zachary Street, Valletta**

## BRINCSONS BAKERY

Cannon Road, St. Venera

Tel. 29092 - 40787

**Tavża lill-proprjetarji tal-ħwienet li l-galletti tagħhom, tas-Smid, huma sustanzjużi u magħmula blaħjar materjal u mezzi moderni. Dawn il-galletta jżidu l-enerġija u minħabba l-packing speċjali tagħhom jibqgħu tajbin għal ħafna granet.**


# Kumitat Festa Sta. Venera 1978

| | |
|---|---|
| **President, Prokuratur tal-festa:** | Rev. P. F. Grech O.C. Kapp |
| **Viċi President:** | Is-Sur Kelinu Delicata |
| **Segretarju:** | Is-Sur K. Baldacchino |
| **Assistent Segretarju:** | Is-Sur Joe Spiteri |
| **Kaxxier:** | Is-Sur Alfred Cachia |
| **Ass. Kaxxier:** | Brofl M. Rapinett O.C. |
| **Sotto kumitat armar:** | Is-Sur Salvu Spiteri |
| | Is-Sur Twanny Spiteri |
| | Is-Sur Karm Farrugia |
| | Is-Sur Michael Zerafa |
| | Is-Sur S. Sciberras |
| **Membri:** | Is-Sur Rene Mizzi |
| | Is-Sur Charles Muscat |



## RALPH AUTO PARTS

Stockist of:

**Heavy Duty Industrial Machinery**

**"TELITALIA"**

Spot and Welding Sets

**"STAYER"**

Double Insulated Power Tools

**"MERCURY"**

Heavy Duty Iron Cutting Machines

Air Compressors, Pnewmatic Tools, Column Type Pillar Drills, Hand Tools, etc.

**423, 527, Hight Street St. Venera — Malta**

**Tel. 29707 — 48188**

## JOE'S STORE - STORE POPOLARI

376, HIGH STREET, ST. VENERA

**GHALIEX JOFFRI LIL KLIJENTI GROCERIES, HAXIX, FROTT, IMBEJJED, HELU U TANT AFFARIJIET OHRA FIL-HIN U B'IRHIS**

**MIRIAN HALL**

(Opposite Apap Institute, High Street, St. Venera)

**Available for WEDDINGS & PARTIES**

Dial Nos. 45048-625844


# Kumitat tal-Għaqda Filarmonika Sta. Venera A.D. 1964

| | |
|---|---|
| Presidenti Onorarji: | Rev. P. K. Azzopardi, O. Carm.<br>Dr. F. Portanier<br>Mr. Joe Debono Grech M.P. |
| President: | Dr. Michael Azzopardi M.D. |
| Viċi Presidnet: | Is-Sur Anthony Zammit |
| Segretarju | Is-Sur Carmelo Mifsud |
| Ass. Segretarju: | Is-Sur Freddie Vella |
| Kaxxier: | Is-Sur Lorry Pellegrini |
| Ass. Kaxxier: | Is-Sur Alfred Zammit |
| Direttur Spiritwali: | Rev. P. F. Grech, O. Carm. (Kap.) |
| Surmast tal-Banda: | Mro. C. Borg, M.P.R.S. (Lond.) |
| Membri: | Is-Sinjuri: Salv Mifsud, Anthony Parnis, Charles Muscat, Rene Mizzi, Victor Bugeja, Jimmy Sammut, Joseph Micallef, Ivo Aquilina, Albert Galea u Salvu Spiteri. |



**INQADDSU JUM IL-FESTA TAL-PATRUN TAGHNA SANTA VENERA BILLI NERSQU GHAL QRAR U T-TQARBIN U BILLI NAGHMLU XI ATT TA' KARITA'**

# STYLINE

**SITTING ROOMS: DINING ROOMS: BED ROOMS: KITCHEN UNITS: ELEGANT COFFEE TABLES etc.**

**AT MODERATE PRCES**
**by**

## JOE MIFSUD

Showroom:
**488, HIGH STREET, ST. VENERA**
Workshop:
**46, MSIDA ROAD ST. VENERA**
**Tel. 20317**







REG. TRADE MARK

# C. CISCALDI

**CONFECTIONERY**
**16, 17, Zimelli Street**
**Hamrun.**

**5, Michael Anton Vassalli Street — Hamrun.**

Accept orders for:-

**WEDDINGS,**
**BAPTISMS**
**and PARTIES, etc.**

Phone Dial 27926


# Lejn il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera

Fil-ġranet tal-festa naraw ħafna nies li jiġu jżuru l-knisja parrokkjali. X'aktarx li ħafna huma mqanqlin min namra li f'kull festa jmorru lejn l-irħula biex jitpaxxew bit-Titular, bl-istatwa, u l-opri l-oħra sbieħ li jżejjnu d-dar t'Alla.

Iżda ftit huma dawk li jħarsu lejn il-bżonnijiet tal-Knisja. Għalhekk jiġri li wara l-ġranet tal-festa jintesa kollox sakemm terġa' tasal festa oħra.

Għalkemm il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera hi żgħira, fiċ-ċokon tagħha għandha x'toffri lill dawk li jiġu jżuruha fil-ġranet tal-festa. Min naħa l-oħra bosta huma l-ħtiġijiet li titlob il-Knisja għas-servizz aħjar ta' dawk li jżuruha s-sena kollha.

Fost dawn il-ħtiġijiet insibu:

1) iż-żebgħa tal-Knisja,

2) l-istallazzjoni tad-dawl,

3) antiporta ġdida,

4) zokklatura tal-irħam u ħwejjeġ oħra.

Qabel xejn dawn l-affarijiet iridu jsiru ħaġa wara l-oħra u għalhekk irid igħaddi ħafna żmien biex jinġabru l-fondi meħtieġa għall-ispejjes kbar.

Għalkemm l-inħawi ta' Santa Venera kibru ġmielhom, iżda ftit huma dawk li jiġu l-knisja matul il-ġimgħa għax jitqassmu fi knejjes oħra tal-viċin. Għalhekk dak kollu li jinġabar hu ftit wisq biex forsi wieħed jagħmel il-kuraġġ u jibda jiċċaqlaq ħalli jseħħu dawn il-ħtiġijiet.

# (TURU)

**CISCALDI CONFECTIONERY**

**813, HIGH STREET, HAMRUN.**

**404, BAKERY LANE, HIGH STREET, HAMRUN.**

*Orders catered for:*

Weddings, Baptisms, Parties, etc.

**CISCALDI CAFE'**

*Next to Radio City. Tel. C. 28438 - 21275*

*(Open till 1 a.m.)*



# R. ZAMPA

**FASHION WEAR**

**WHOLESALE & RETAIL**

4, BLOCK 1
ST. JOHN SQUARE,
VALLETTA — MALTA **Cen. 26562**


Għalhekk nixtiequ nagħmlu appell lil dawk il-bosta nies li jżuru l-knisja fil-ġranet tal-festa biex igħinu kemm jistgħu ħalli sena oħra jsibu l-knisja aħjar milli rawha din is-sena.

Dan jista' jsir billi jagħmlu l-offerta tagħhom hi kemm hi, lil xi ħadd mill-patrijiet tal-istess knisja.

Nieħdu pjaċir naraw il-knisja mimlija fil-ġranet tal-festa, iżda l-festa tiġi darba f'sena u tgħaddi ma' l-oħrajn.

Nieħdu pjaċir akbar x'ħin naraw il-knisja mimlija matul is-sena kollha fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd u minħabba f'dan inħossu l-ħtieġa li nagħtu servizz aħjar lin-nies tal-Parroċċa billi naraw iseħħu l-ħtiġijiet tal-knisja mhux biss fil-ġranet tal-festa iżda matul is-sena kollha.

P. RENATO VALENTE, O.C.
Pirjol.


# G. VELLA

**Novelties for**

**Modern Home**

**GIFTS FOR ALL OCCASIONS**

**153, High Street,**

**Hamrun**

**Tel. 22717**



# GEJTU CAMILLERI

**GEJTU AUTOMOBILE DEALER**

Buys, Sells, Exchanges

New & Second Hand

Cars

**490, 493, 497,**

**St. Joseph Road,**

**St. Venera — Malta**

# programm

## TAL-FESTA TA' SANTA VENERA VERGNI U MARTRI
## FIL-KNISJA PARROKKJALI U TITULARI TAGĦHA MIT-22 TA' LULJU SAT-30 TA' LULJU 1978

### FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**IS-SIBT 22 TA' LULJU:**

Fis-6.30 p.m. Quddiesa. Wara ħruġ tal-vara min-niċċa li tiġi mqiegħda għall-qima tal-poplu.

**IT-TNEJN 24 TA' LULJU:**

Fis-6.30 p.m. quddiesa għaż-żgħażagħ Tfajliet u Ġuvintur tal-parroċċa.

**IT-TLIETA 25 TA' LULJU:**

Fit-8.30 a.m. quddiesa għat-tfal tal-parroċċa.

Fis-6.30 p.m. quddiesa għall-morda tal-parroċċa mill-Kappillan R. P. Franġisk Grech O. Carm. Wara tingħata tifkira il morda.

**L-ERBGĦA 26 TA' LULJU — L-Ewwel jum tat-Tridu:**

Fis-7.00 a.m. quddiesa. Fis-6.30 p.m. quddiesa kantata, priedka, kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Wara jitkanta l-Innu tal-Qaddisa.

Il-quddiesa tkun għall-Għarajjes tal-Parroċċa.

**IL-ĦAMIS 27 TA' LULJU — It-Tieni jum tat-Tridu:**

Kollox bħal jum ta' qabel. Il-quddiesa tkun għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-parroċċa.

**IL-ĠIMGĦA 28 TA' LULJU — It-Tielet jum tat-Tridu:**

Kollox bħal jum ta 'qabel. Il-quddiesa tkun għall-bżonnijiet tal-familji tal-parroċċa. Il-predikatur tat-Tridu jkun il-W. R. Kan. Dun Lawrenz Mifsud, Arċipriet tal-Birgu.

**IS-SIBT 29 TA' LULJU — Lejlet il-Festa:**

Fis-7.00 a.m. Quddiesa. Wara jitkanta t-Te Deum.

Fis-6.30 p.m. Translazzjoni tar-relikwija ta' Santa Venera V. M. mill-W. R. P. Eugenio Tonna O. Carm., S.Th.D., Provinċjal. Quddiesa u Barka Sagramentali.

**IL-ĦADD 30 TA' LULJU — Nhar il-Festa:**

Fis-7.00 a.m. quddiesa bi tqarbina ġenerali mill-W. R. P. Franġisk Grech, O. Carm, Kappillan.

Fid-9.00 a.m. Terza Kantata, Quddiesa Solenni minn P. Renato Valente, O. Carm, Pirjol. Wara l-Vanġelu l-W. R. Dun Mattew Magro, jinseġ Kuruna ta' tifħir lil Santa Venera.

Il-Quddiesa tkun għall-benefatturi.

Fis-6.00 p.m. Għasar Solenni mir-R. P. Renato Valente, O. Carm, Pirjol.

Fis-6.30 p.m. Quddiesa Letta. Purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Venera mat-triqat tal-parroċċa mmexxija mir-R. P. Renato Valente, O Carm., Pirjol. Malli tidħol il-vara tingħata l-Barka Sagramentali.

Il-mużika ta' matul il-festa kollha tkun taħt it-tmexxija tar-R. P. Louis Bajjada, O. Carm., Maestro di Cappella tal-Provinċja Karmelitana.

BLUE SPOT

TELEVISIONS & RADIOS

1977/78 MODEL

Apply local Agents:

G. GRECH & BROTHERS LTD.

333-336, FLEUR-DE-LYS ROAD, BIRKIRKARA

TEL.: 41738

H.P.B. AVAILABLE






Jupiter Batteries

FOR EXTRA POWER & REAL LEAK PROOF

Sole Agents:

JUPITER STATIONERY

Cardinal Sciberras Street, St. Venera — Tel. No. 47737


# programm

## FESTI TA' BARRA

**IL-ĠIMGĦA 28 TA' LULJU — It-Tielet jum tat-Tridu:**

Issir mixgħela ġenerali tal-faċċata tal-Knisja u tat-Toroq kollha.

Fis-7.00 p.m. il-Banda "Santa Venera V.M." tferraħ it-toroq tal-Parroċċa bi programm ta' marċi, wara li tit-qiegħed il-vara ż-żgħira ta' Santa Venera fi Quarries Square. Il-marċ jgħaddi minn dawn it-toroq — Quarries Str., Annunciation Str., Victoria Avenue, Abela Str., Brighella Str., Cardinal Sciberras Str., High Str., Msida Road, Quarries Square għall-Pjazza Santa Venera fejn jintemm il-programm bl-innu ta' Santa Venera.

**IS-SIBT 29 TA' LULJU — Lejliet il-Festa**

Fis-7.30 p.m. il-Banda S. Marija tal-Qrendi tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn New Street off Cannon Road (ħdejn il-Knisja l-Ġdida), Cannon Road, High Str., St. Paul's Str., St. Venera Str., għal ġol-Pjazza ta' Santa Venera.

Fit-8.30 p.m. il-Banda S. Venera V.M. tagħmel marċ brijuż minn ħdejn il-Każin u tgħaddi minn Quarries Square għall-Pjazza ta' Santa Venera. Fl-10.00 p.m. l-istess Banda Santa Venera ser iddoqq għall-ewwel darba l-innu ġdid lil Santa Venera V.M. bil-kliem ta' Patri Mattew Sultana. Mużika tas-Surmast Carm. J. Borg, Direttur ta' l-istess Banda.

Il-Kor tat-tfal ser ikun taħt id-direzzjoni tas-Sur Alfred Micallef.

Fl-istess jum ukoll fis-2.30 p.m. ser jiġu organizzati t-tiġrijiet tal-bhejjem fi Quarries Street. Presentazzjoni tat-Tazzi fil-Każin tal-Banda Santa Venera.

Is-Sibt ukoll ser issir kompetizzjoni tal-Isparar, wara ser issir preżentazzjoni tat-Tazzi lil kaċċaturi rebbieħa.

Għal kull xorta ta'

* HADRIA NPAINT
* SYNFLAT PLASTIC EMULSION
* BATH ROOM FITTINGS
* WALL TILES
* GENERAL BUILDING MATERIAL

Irrikorru għand

GRECH'S LTD.

154, St. Sebastian Street, Qormi

97, Naxxar Road, Balzan

Tel. 47015/41367


**IL-ĦADD 30 TA' LULJU — Jum il-Festa:**

Fit-8.30 a.m. il-Banda Santa Venera V.M. tagħmel marċ brijuż li jibda minn ħdejn il-każin N/Str. in Vivion Str., jgħaddi Quarries Square — N/Str., in Quarries Square — Annuciation Str., — Victoria Avenue — Abela Str. — Brighella Str. — Cardinal Sciberras Str. — St. Joseph's High Rd. — St.George's Str. — Brighella Str. — Sacred Heart Str. — għall-St. Joseph's High Str. — Msida Road għall-quddiem il-Każin il-ġdid.

Fis-7.30 p.m. il-Banda "BELAND" taż-Żejtun tibda ddoqq marċi waqt il-ħruġ tal-purċissjoni mill-Knisja u wara tagħmel marċ li jgħaddi minn dawn it-toroq: Quarries Sqr. — Vivion Str. — Regional Rd. — N/Str., off Quarries Sqr. — Quarries Sqr., għall-Pjazza Santa Venera fejn tesegwixxi programm fuq il-pjanċier sakemm terġa' tidħol il-Vara ta' Santa Venera fil-Knisja.


CILIA BLOCKS



*Suppliers of:*

CONCRETE BLOCKS - MESH - FRANKA

SAND - XOROK - CANGATURA

TRAVI - CEMENT

Tel. 22743

L-IKTAR MUTURI
TAL-ĦRIT
POPOLARI
F'MALTA U
F'GĦAWDEX

BRUMI

Distributuri:
Joseph Cutajar
Manjus House
Zurrieq Road,
**Safi** Tel: 20009

Leli Galea
52, Manikata Road,
**Manikata**

Salvu Pulis
Salvatore Mundi,
Bajada Street,
**Zabbar** Tel: 89/6979

**GOZO**
Joseph Mizzi
**Gozo**
23, Għonqa Street,
Xagħra — Gozo Tel: 76451

ĠEJJIN IL-B R U M I TAL-BAĦAR

GĦAL-LUZZIJIET UGĦAD-DGĦAJJES

# AĦNA TAL-ARMAR

Wasal ż-żmien li sezzjoni mill-kumitat tal-festa li tieħu ħsieb l-armar tat-toroq fil-festa, tieħu s-sodisfazzjoni tagħha wara sena sħiħa ta' ħidma. Dan il-kumitat ħaseb li jżid fid-disinji ta' Misraħ il-Barrieri li huma maħdumin mil-landa u njam u għal din is-sena bi ħsiebu jżanżan tnejn ġodda oħra minn dawn id-disinji li ġew maħduma minn idejn il-membri ta' dan il-kumitat.

Għal Triq Msida ser jiżżanżnu sett pavaljuni ġodda tad-drapp li minnhom ser inwaħħlu tnejn għal din is-sena u jekk Santa Venera tipprovdilna s-sena d-dieħla jkunu lesti kollha. Dawn il-pavaljuni qed jieħdu ħsiebhom ir-residenti ta' l-istess triq, u x-xogħol tat-tfassil tad-drapp u l-ħjata qiegħed f'idejn is-Sinjura Carbonaro. Dawn il-pavaljuni, li huma ta' kulur aħmar bl-abjad u għandhom xi disinji bl-isfar u l-blu (kuluri tal-pajjiż vendriż) huma maħdumin fuq stil sempliċi u modern ħafna u terġa' meta wieħed jagħti każ sewwa, iż-żewġ naħat tal-Pavaljun, jiġifieri wara u quddiem, huma differenti: biċċa xogħol tas-Sur Carmelo Baldacchino li ħoloq d-disin tagħhom. Aħna nisperaw li minn dawn il-Pavaljuni ġodda li qegħdin isiru jieħdu eżempju toroq oħra tal-parroċċa ħalli huma wkoll jirsistu sabiex ikollna aktar toroq imżejna għal jiem tal-Festa.

Ma' dawn iż-żewġ novitajiet il-kumitat tal-armar ħaseb għas-soltu xogħol tiegħu jiġifieri li jaħdem xogħol ta' karti, jirranġa xi tiswijiet li sar fuq l-armar tas-sena l-oħra u fuq kollox li jarma t-toroq tal-parroċċa huwa stess.

Mela fil-qosor dan kien ix-xogħol għal din s-sena li sar mill-voluntieri li jaħdmu taħt il-motto "aħna tal-armar". Aħna nixtiequ li x-xogħol tagħna tul is-sena qabel il-festa, jitgawda sinċerament matul il-jiem tal-Festa tant għażiża għalina l-Vendriżi.

VIVA DEJJEM L-GĦAXQA TAGĦNA SANTA VENERA
V. M.

**CLUB**

MEN'S WEAR

SPECIALISTS

of

**REPUBLIC STREET,**

**VALLETTA**

**Tel. 24796**

**SAMMY TYPEWRITING SCHOOL**

**B'SISTEMA "PITMAN'S TOUCH"**

**F'ħinijiet konvenjenti:**
**Mill-4.30 p.m. 'il quddiem**
**(barra nhar ta' Hamis)**
**U BI HLAS MODERAT**
Applikaw:
**529, HIGH STREET**
**STA. VENERA**
(ħdejn 'Cini Institute')
jew ċemplu:
**C. 48191**

**CHARLES STORE**

**532, High Street,**

**St. Venera**

**Tel. 26279**

**L-Istore tal-Familja**
**għal kull kwalità**
**ta' Groceries**
**Spirti u Helu**
**u Glassware**

**MARY'S HOUSE**

**ta'**

**308, St. Joseph**
**High Road**
**St. Venera**

**TAVŻA LILL-KLIJENTI TAGHHA KOLLHA LI FL-ISTABBILIMENT TAGHHA JINSABU KULL KWALITA' TA' LBIES GHAN-NISA U T-TFAL**

# Il-Qima Lejn SANTA VENERA fil-Gżejjer Tagħna

minn

**Fr. Patrick G, Abela, O.Carm.**




**Xbieħa ta' Santa Venera, aktarx tas-seklu III, li tinsab fil-Katakombi ta' S. Agatha, Rabat, Malta.**

Diversi nies jaħsbu li l-Isem ta' Santa Venera u l-qima lejn din il-Qaddisa, jinsabu biss fil-parroċċa li għandna hawn Malta u r-raħal li jġib isimha. Il-qima lejn Santa Venera hija antika ħafna fil-Gżejjer tagħna u kien hawn devozzjoni kbira lejn din il-qaddisa.

Tradizzjoni antika (1) tgħidilna li Santa Venera kienet ġiet Malta flimkien ma' Sant'Agata, u li dawn it-tnejn għamlu xi żmien jgħixu fil-Katakombi ta' Sant'Agata fir-Rabat ta' Malta. Fl-Abside tal-katakombi nsibu diversi affreski u wieħed minnhom huwa dak li jirrappreżenta lill-Sant'Agata, Santa Luċija u Santa Venera. Meta din il-pittura ġiet restawrata fl-1881 bi żball ġie mniżżel li x-xbiha ta' Santa Venera hija Sant'Agnese. F'ħdejn Santa Venera naraw bieqja bin-nar jixgħel biex juri wieħed mill-martirji li sofriet il-Qaddisa

FETAH ĠDID
LATEST DRAPERY
ta'
New Str. 'B' off
Cannon Rd., St. Venera

Għal kull kwalità
ta' drappijiet lixxi
jew b'disinji orġinali
u fancy għan-nisa,
irġiel u tfal

Prop. DORIS GALEA

IVO
AQUILINA
IRONMONGER
and
HOUSEHOLD
GOODS DEALER
39, MSIDA ROAD,
ST. VENERA
Tel.: 624824

Palma
Pastizzeria
Prop: GIUSEPPI GALEA
557, HIGH STREET,
ST. VENERA
Telephone: 42964
HOT CHEESECAKES,
RAVIOLIES
& PIZZAS
Accept orders for
Weddings and Parties

Għal servizz effiċjenti u iġjeniku ta' ħut, priservat, frott frisk u priservat, prodotti ta' l-M.M.U. u groceries kollha,
irrikorru għand:-
LAURIE' STORE
555, High Street,
St. Venera
557, HIGH STREET,
Tel. 29080

qabel ma ħadet il-kuruna tal-martirju.

Ftit il-bogħod mill-katakombi ta' Sant'Agata, jinsab katakombi ieħor jew aħjar il-Kripta ta' Santa Venera. Dan kien l-Oratorju fejn wisq probabbli kienet tgħix il-Qaddisa wara li telqet minn ma' Sant'Agata. Il-Kommendatur Abela (2) jgħid li fih tidher sew ix-xbiha ta' Santa Venera qiegħda bil-wieqfa, bil-bieqja f'idejha mimlija nar, kif soltu jpinġu lil din il-qaddisa. Ikompli jgħid "kien hemm altar li fuqu kienu jiċċelebraw il-quddiesa u li kien kbir biżżejjed biex jesa' ftit tan-nies mhux ħażin." Dan il-katakombi ta' Santa Venera llum hu xi ftit jew wisq abbandunat u ma tantx hu magħruf.

Fil-gżira ta' Għawdex ukoll xterdet id-devozzjoni lejn Santa Venera. Antikament kien hemm knisja ddedikata lilha. Kienet waħda minn dawk il-knejjes rurali u biż-żmien iġġarfet u ma reġgħetx telgħet mill-ġdid. Din il-knisja ġiet mibnija għall-Gulina Navarra fuq l-art tiegħu stess. Ma kellha ebda obbligu marbut magħha, ħlief dak li jidhirlu l-eredi. Nafu li fl-1575 kienet għada teżisti u kienet waħda minn dawk il-knejjes rurali li nvista Mons. Duzzina (3).

Meta l-Konti Ruġieru qassam il-prebendi tal-Knisja Kattedrali ta' l-Imdina, waħda minhom semmiha għal Santa Venera, peress li ta l-beni ta' madwar il-knisja li ġġib l-isem tal-Qaddisa li l-lum hija l-knisja parrokkjali ta' Santa Venera.

Minn dan naraw li missirijietna kellhom devozzjoni sewwa lejn din il-qaddisa. Dan jgħatina kuraġġ biex inkomplu nxerrdu l-qima lejha ħalli bħal ta' qabilna nsibuha f'kull bżonn tagħna u bħal Santa Venera nkunu nistgħu ngħidu li qegħdin nagħtu x-xhieda tagħna tal-ħajja ta' Kristu.

---

Noti: 1. Dr. A.A. Caruana, The Crypt of St. Agatha p. 13.
2. Kom. G.F. Abela, Malta Illustrata Lib. I, Not. IV p. 184.
3. Cath. Arch. Ms. 182, Vis. Dus., 1575 fol. 444.

# S. AGIUS STORE

**NEW STREET off CANNON ROAD,**
**ST. VENERA**

*GROCERIES — ĦAXIX FRISK —*
*u FROTT BNIN*

PREZZIJIET IRHAS



Elia
BORG BONACI

68, Vilambrosa Street,
Hamrun
665, 667, High Street,
Hamrun

**Bakers & Confectioners**

*Tel. 26920*



# SUNBRED SQUASHES & MALTANA WINES

**by**

**S. SADSON**

**Tel. 46939**



# LOEWE OPTA T.V.

**THE SET THAT WON THE MARKET**

Sole Agent:

COUNT CONSIGLIO D'AMATO

**WESTERN RADIO SERVICE**

701, HIGH STREET, HAMRUN Tel. 28356



# BENNY MUSCAT & SONS (WOODWORKS) LTD.

**(EST. 1945)**

**Manufacturers of Furniture, Jonery and Kitchen Cupboard.**

**QORMI ROAD — ST. VENERA (Torretta)**

**Tel. C. 25400**

**Għal Għamara ta' kull stil kif ukoll xogħlijiet oħra ta' l-injam in ġenerali**

# PROGRAMM
## tal-LOGĦOB tan-NAR

**Is-Sibt, 29 ta' Lulju,**

**LEJLIET IL-FESTA**

Fil-11 p.m. Logħob tan-Nar, Murtali u Kaxxa Nfernali.

**Il-Hadd, 30 ta' Lulju,**

**NHAR IL-FESTA**

Fis-7.30 p.m.

Salut fil-hrug tal-Purcissjoni u tlugh ta' Murtali malli l-Vara ta' Sta. Venera titfacca fil-bieb tal-Knisja.

Fl-10 p.m. Malli l-Vara tasal il-Pjazza ta' Sta. Venera isir Logħob tan-Nar, tlugh ta' Murtali u Kaxxa Nfernali.

In-nar kollu ta' Lejliet u Nhar il-Festa, huwa kollu xogħol il-magħruf is-Sur Valent Azzopardi ta' Ħal Balzan,

# KURUNELLA TA'
# SANTA VENERA V.M.

**Li ghandha tinghad kull nhar ta' Gimgha mid-devoti taghha.**

I. Is-sliem għalik, xbejba Venera, Għarusa safja ta' Gesù Kristu. Inti kont waħda mix-xbejbiet għaqlija, u bil-qawwa erojka li wrejt fi xbubitek, kien jistħoqqlok li tissieħeb ma' l-eluf ta' xbejbiet tal-Għarus Divin.

Int kellek ix-xorti li tisma' minn fomm Gesu' l-kelmiet ħelwin: Ejja, Venera, għarusa maħbuba tiegħi; ejja u ilqa' minn idejja l-kuruna li ħejjejt għalik minn dejjem.

Agħmel, nitolbuk, o kbira Venera, li aħna nirbħu fuq il-ġisem u d-dnub: aqagħlilna nitolbuk li ngħixu ħajja safja sa l-aħħar jum ta' ħajjitna, biex ikollna sehem mill-glorja tiegħek immortali.

*Pater, Ave u Glorja.*

II. Is-sliem għalik, xbejba Venera, Martri kbira tal-Fidi Mqaddsa.

Int stqarrejt bla biża' l-verita' tal-Vanġelu quddiem it-tiranni; ma bżajtx mit-theddid tagħhom u mit-turmenti li ħejjewlek, u lanqas ma ħallejt ruħek titqarraq bil-wegħdiet fiergħa tagħhom.

Aqlagħilna, nitolbuk, dik il-qawwa nisranija li żejnet is-sider tiegħek, biex inkunu dejjem pronti nxerrdu demmna għall-Fidi Kattolika, u b'hekk ikun jistħoqqilna l-kuruna rebbieħa li żejnet ir-ras tiegħek.

*Pater Ave u Glorja.*

III. Is-sliem għalik, xbejba Venera, Appostla għarfa ta' Gesu' Kristu.

Filwaqt li erfajt ġieħek mis-sess fraġli, iġġerrejt mad-dinja bħal Appostlu ġdid u wassalt f'kull nazzjon l-isem ħelu tal-Kurċifiss, billi warrabt fost il-pagani d-dlamijiet ta' l-injoranza u tal-qerq u dawwalthom bid-dawl tal-Vanġelu.

Agħmel, nitolbuk, li aħna nsara, jekk ma nistgħux nippriedkaw daqshekk, almenu nippriedkaw bl-eżempju lil Gesu' tiegħek billi nikkonvertu lil midimbin biex b'hekk nimmeritaw dik il-kuruna ta' ġustizzja li żejnet ir-ras tiegħek.

*Pater Ave u Glorja.*

*(Bis-sensja tal-Knisja)*

# MAL-MODA

Biex tkun Oriġinali u tieħu
talli tħallas meta tixtri
muntaturi u mantijiet tat-tieġ
mur għand

## ROSINA SHOPS

SPEĊJALISTI FL-ILBIESI TAT-TIEĠ,
KPIEPEL, INGWANTI, RIX, MUNTA-
TURI, MANTIJIET, HANDBAGS,
FJURI u bosta aċċessorji oħra.

54, ZACHARY STREET, VALLETTA
Tel. No. 22998

186. OLD BAKERY STREET, VALLETTA
Tel. No. 25501

50, TOWER ROAD, SLIEMA
Tel. No. 36626


Stamperija "Il-Hajja"